**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 6 ta' Novembru 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 80

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 80 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
80.5 Rapporti;
80.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
80.7 Aġġornament dwar is-sejħa għall-offerti QLC – SSC 49/18 - Offerti għas-Servizz ta' Tindif u Knis mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
80.8 Korsijiet *Lifelong Learning 2018/19*;
80.9 Skema Finanzjarja Favur il-Lokalità – Ħajja Aħjar Permezz t'Eżerċizzju Fiżiku u Sport;
80.10 Ġieħ il-Qrendi u Jum il-Qrendi 2019;
80.11 Ftehim Sabiex Jibdew Jinġabru l-Ħwejjeġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali;
80.12 Xiri ta' Kotba b'Risq l-Istrina u l-*Malta Community Chest Fund Foundation*;
80.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
80.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-80 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

80.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

80.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

80.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

80.2.1 Il-Minuti tad-79 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

80.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 80.3, 80.4 u 80.5 jiġu diskussi wara Minuta 80.12 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

80.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

80.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li għal darb'oħra jiddispjaċih jgħid li l-ebda żvilupp viżwali ma' sar f'dan l-aħħar xahar, mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali.

80.6.2 Fil-preżent qegħdin nistennew lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex timmarka l-linja sa fejn irid jasal dan iċ-Ċentru u s'issa għadu ma sarx u allura x-xogħol ma jistax ikompli fil-preżent.

80.6.3 Bħalissa x-xogħol qiegħed isir fl-isfond, u jalla naqbdu r-ritmu ħalli dan

il-proġett jitlesta fil-ħin mixtieq.

80.7 **AĠĠORNAMENT DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – SSC 49/18 – OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' TINDIF U KNIS MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI**

80.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kuntrattur li rebaħ it-tender xtaq li jirtira minn dan it-tender.

80.7.2 Għaldaqstant kellna ninfurmaw lit-tieni offerent, li min-naħa tiegħu aċċetta li jidħol għal dan it-tender hu.

80.7.3 It-tender suppost ser jibda mill-15 ta' Novembru 2018 u diġa' ltqajna ma' dan il-kuntrattur sabiex nispjegaw x'aħna nistennew minnu u l-ħaddiema tiegħu.

80.8 **KORSIJIET *LIFELONG LEARNING 2018/19***

80.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'din l-iskema nistgħu ngħidu li ma tantx qed japplikaw nies u fil-fatt kulma fadal huwa l-kors tal-Bizzilla.

80.8.2 Huwa ppropona li għandna nagħmlu talba għal sitt imwejjed u erba' siġġijiet ma' kull mejda, għal total ta' 24 siġġu.

80.8.3 Qal li ser napplikaw għal dan il-materjal sabiex inkomplu nħeġġu t-tagħlim fil-lokalità.

80.8.4 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

80.9 **SKEMA FINANZJARJA FAVUR IL-LOKALITÀ – ĦAJJA AĦJAR PERMEZZ T'EŻERĊIZZJU FIŻIKU U SPORT**

80.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li jekk kemm-il darba hemm xi ħadd

interessat li jieħu ħsieb din l-iskema, allura l-Kunsill Lokali japplika għal din l-iskema wkoll.

80.9.2 Ħadd mill-Kunsillieri ma wera interess li jieħu responsabilità ta' din l-iskema.

## 80.10 <u>ĠIEĦ IL-QRENDI U JUM IL-QRENDI 2019</u>

80.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li rridu nibdew nippreparaw għal Ġieħ il-Qrendi u Jum il-Qrendi 2019.

80.10.2 Qal li s-sena li għaddiet huwa kien għamel proposta lill-Kunsillieri sabiex jagħżlu persuna jew persuni li setgħu jkunu parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi 2018.

80.10.3 Żied li suġġerimenti kien hemm ftit li xejn u fl-aħħar mill-aħħar kważi kellu jagħżel lill-Bord kollu hu stess.

80.10.4 Staqsa lill-Kunsill Lokali x'attitudni ser tittieħed għal dan il-Ġieħ tas-sena d-dieħla u kif ser issir l-għażla tal-Bord t'Aġġudikazzjoni.

80.10.5 Ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex sal-laqgħa li jmiss iġibu isem jew aktar ta' persuna jew persuni sabiex ikunu parti minn dan il-Bord.

80.10.6 Spjega kif kull persuna li jkun hemm fil-Bord ser ikollha l-voti tagħha ppubblikati u allura ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jgħidu b'dan lill-persuna jew persuni li jaċċettaw li jkunu parti minn dan il-Bord.

80.10.7 Il-proċess għal Ġieħ il-Qrendi ser jibda nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018 u jagħlaq nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2019 f'nofsinhar.

80.10.8 Is-Sindku tkellem dwar Jum il-Qrendi u qal li għas-sena d-dieħla Ġieħ il-Qrendi ser jingħata s-Sibt 23 ta' Frar 2019, filwaqt li Jum il-Qrendi jiġi ċċelebrat il-Ħadd 24 ta' Frar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 80.11 FTEHM SABIEX JIBDEW JINĠABRU L-ĦWEJJEĠ MILL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL LOKALI

80.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar laqgħa tkellem dwar il-kollezzjoni tal-ħwejjeġ u semma' kif kellna żewġ għażliet, jew li jitpoġġew kontejners kbar fit-toroq tal-Qrendi, jew inkella li jitpoġġew *bins* iżgħar.

80.11.2 Żied li huwa wasal fi ftehim ma' kollettur partikolari li l-ħwejjeġ ser jibqgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, u ta' kull xahar, ma' kull ġabra, ser nibdew ningħataw *corporate responsibility donation* għall-ħwejjeġ u materjal ieħor tad-drapp li jinġarr.

80.11.3 Il-ġbir dejjem ser isir fl-ewwel Erbgħa ta' kull xahar.

80.11.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona.

80.11.5 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 80.12 XIRI TA' KOTBA B'RISQ L-ISTRINA U L-*MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION*

80.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li matul il-ġimgħa li għaddiet kellu laqgħa mad-Direttur tal-Uffiċċju tal-President, u l-laqgħa kienet dwar il-flus li qegħdin jinġabru b'risq il-*Malta Community Chest Fund Foundation*.

80.12.2 Jidher li din il-Fondazzjoni qiegħda tipproġetta li tiġbor mad-€9 miljun sal-Istrina, nhar is-26 ta' Diċembru 2018.

80.12.3 Qal li bħalissa qegħdin jinbiegħu kotba bit-titlu "Valletta", liema kotba jiswew €80 l-wieħed u l-flus kollha miġbura ser imorru b'risq din il-Fondazzjoni.

80.12.4 Spjega kif matul din is-sena sibna għajnuna kbira min-naħa tal-Gvern Ċentrali u l-entitajiet tiegħu u qal li permezz t'hekk iffrankajna ftit flus

mhux ħażin u allura tajjeb ukoll li l-Kunsill Lokali jgħin bil-parti tiegħu billi jixtri numru ta' kotba li l-kollox ser imur f'isem il-*Community Chest Fund Foundation*.

80.12.5 Fisser kif dawn il-kotba mbagħad għandhom jingħataw lill-Kunsillieri u l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, mhux biss bħala apprezzament tax-xogħol li qiegħed jagħmel kulħadd, imma sabiex ngħinu wkoll lill-*Malta Community Chest Fund Foundation.*

80.12.6 Qal li l-ammont totali tal-kotba ser jiġi jiswa madwar €1,800 u dawn kollha ser imorru b'risq din il-Fondazzjoni.

80.12.7 Is-Sindku ppropona, filwaqt li l-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 80.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

80.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent qiegħed isir ix-xogħol fi Triq Wied iż-Żurrieq u ser jingħata t-tarmak dalwaqt.

80.3.1.1 Qal li bil-mod il-mod resqin lejn iż-żona taż-Żelliqat, u ser isiru dawk il-partijiet minn fejn għadda l-*cable* tal-Enemalta aktar kmieni.

80.3.1.2 Spjega kif dan lilna qiegħed jgħinna għaliex qabel kien ikollna nagħmlu l-*patching* minn tal-inqas darbtejn f'sena u issa dan ser niffrankawh.

80.3.1.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk hux ser issir xi bankina f'din it-triq, u s-Sindku wieġeb li mhu ser issir l-ebda bankina.

80.3.1.4 Is-Sindku kompla li kien hemm anke talba sabiex isiru d-dwal ġodda fiż-żona taż-Żelliqat, imma probabbli din it-talba mhux ser tkun aċċettata minħabba l-attitudni li qiegħda tittieħed mill-ERA minħabba li ż-żona hija qrib il-baħar u allura tiġi affettwata d-Direttiva tal-Għasafar, kif ukoll il-prassi addottata mill-Korporazzjoni Enemalta f'dan ir-rigward.

80.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Kabiri u qal li l-bankina fl-aħħar saret.

80.3.2.1 Qal li ġibna l-*iscurrifying* u dan għamilnieh sabiex intaffu xi ftit il-problema sakemm jingħata t-tarmak.

80.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq San Mattew u Triq Nazzareno Sammut fejn ser issir bankina minħabba d-direttiva tal-Awtorità tal-Ippjanar.

80.3.3.1 Qal li ftit tal-ġimgħat ilu kien hemm familja li talbitna għall-bankina fi Triq San Mattew u m'aċċettajniex minħabba l-ispazju limitat tat-triq.

80.3.3.2 Spjega kif minħabba proġett tal-*housing*, l-Awtorità tal-Ippjanar waqqfet lill-kuntrattur minħabba li ma kienx hemm bankina u waslet it-talba quddiemna sabiex napprovaw li ssir din il-bankina.

80.3.3.3 Qal li kellna naċċettaw li ssir din il-bankina għaliex kieku l-proġett ma setax jitkompla, imma avża lill-Kunsillieri li probabbli jista' jkollna ċertu kritika dwar dan.

80.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Triq San Niklaw u qal li l-parti tal-Qrendi lesta u issa qabdu ż-żona li tinsab fil-konfini tas-Siġġiewi.

80.3.4.1 Qal li ser jagħmlu parti wkoll minn Triq il-Karwija, il-Qrendi, u dan ser jgħin xi ftit it-tisbiħ taż-żona.

80.3.4.2 Żied li anke tneħħa xi materjal mill-istess triq bl-għajnuna tal-*Cleansing Services Department*.

80.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-ktieb tal-laqmijiet u qal li issa wasalna fl-aħħar fażi tiegħu.

80.3.5.1 Qal li bħalissa qegħdin nitkellmu mal-Best Print Ltd sabiex dan jiġi ssettjat u pprintjat preferibilment sa tmiem din is-sena.

80.3.6 Is-Sindku tkellem dwar iċ-*Chinese Cultural Centre* u qal li dawn jixtiequ li jerġgħu jtellgħu l-istess attività li tellgħu kmieni din is-sena fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

80.3.6.1 Qal li hu aċċetta din l-idea fil-prinċipju u ġiet iffissata d-data tad-19 ta' Jannar 2019 sabiex jiġu jagħmlu din il-wirja fil-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

80.3.6.2 Spjega kif għal darb'oħra nistgħu ngħidu lis-Soċjetajiet Mużikali jgħinuna u kulma jixtiequ hi li tingħata donazzjoni b'risq iċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller.

80.3.6.3 Ser nitkellmu mal-Kappillan biex inġibu l-permess ħalli nużaw is-sala taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u ser inkellmu lis-Soċjetajiet Mużikali għall-għajnuna tagħhom.

80.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza **Sqaq il-Parroċċa Nru. 2, Il-Qrendi**. Qal li din hija talba sabiex isiru *bollards* f'dan l-isqaq.

80.3.7.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li ma jistax jilqa' din it-talba għaliex dak l-isqaq mhuwiex privat.

80.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-propost monument b'tifkira ta' Dr Ġużé Cassar.

80.3.8.1 Qal li l-kumpanija Agius Stone Works Ltd ħadmet abbozz ta' kif jista' jiġi dan il-monument.

80.3.8.2 Spjega kif oriġinarjament il-Kunsill Lokali talab €57,000 sabiex isir dan il-Monument u jsir ukoll tisbiħ taż-żona fejn ser isir.

80.3.8.3 Qal li min-naħa tal-Ministeru tal-Kultura dan l-ammont rawh ħafna u allura qalulna sabiex innaqqsu l-ispejjeż.

80.3.8.4 Spjega kif f'laqgħa preċedenti l-Kunsill Lokali kien qabel li joħroġ €10,000, filwaqt li l-Kunsill Malti għall-Arti wegħduna li joħorġu €20,000.

80.3.8.5 Fisser kif issa dan jew isir bil-flus li għandna jew inkella dan ma jsirx minħabba l-problema tal-flus.

80.3.8.6 Qal li għadna rridu naraw kif ser nagħmlu minħabba d-dawl jekk kemm-il darba jsir dan il-Monument.

80.3.9 Is-Sindku tkellem dwar ir-riforma tar-reġjuni u qal li fil-ġimgħat li ġejjin huwa mistenni li minflok ħames reġjuni jsiru sitta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

80.3.9.1 Qal li bħalissa għad għandna xi flus li rridu nirċievu mir-Reġjun tan-Nofsinhar, fosthom €5,000 għall-bankini.

80.3.9.2 Spjega kif l-ewwel bankina li rridu nieħdu ħsieb hija dik ta' wara l-Knisja Parrokjali, għaliex hemmhekk qiegħed joqgħod l-ilma u jispiċċa fil-Knisja.

80.3.9.3 Semma' wkoll Sqaq Nru 2 fi Triq Bali Guarena, u qal li hemmhekk ukoll nistgħu nirranġaw il-bankina permezz ta' dawn il-fondi.

80.3.9.4 Qal li hemm €2,000 ivvutati għal CCTV Cameras u nistgħu nibdlu l-kamera li hemm fuq il-*bring-in site* fi Triq iż-Żgħożija.

80.3.9.5 Fisser kif jekk ikollna biżżejjed flus naħsbu sabiex isiru kameras mal-*bring-in sites* l-oħra li għandna fil-lokal u kieku anke ħdejn is-*sub-station* fi Triq l-Imqabba.

80.3.9.6 Qal li hemm ammont ieħor ta' flus li rridu nonfqu u spjega kif kellna l-ħsieb li nirranġaw il-latrina pubblika tal-pjazza, imma qegħdin insibu xi problemi ta' loġistika.

80.3.9.7 Barra minn hekk spjega kif jidher li l-Gvern ser ikun qiegħed jieħu ħsieb il-latrini ta' Malta u Għawdex, u allura forsi nistennew ftit sakemm dawn isiru min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

80.3.9.8 Qal li dawn il-flus forsi nonfquhom fi proġetti ta' sqaqien, fosthom Sqaq Nru 2, Triq San Nikola, is-sqaqien ta' Triq it-Torri, kif ukoll is-sqaqien ta' Triq is-Salvatur.

80.3.9.9 Spjega kif irridu naraw x'baġit hemm qabel niddeċiedu liema ser nagħmlu u kemm ser nagħmlu.

## 80.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

80.4.1 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia qalet li kellmitha residenta minn Triq it-Tabib Gregorio Mifsud minħabba l-boroż tal-iskart għaliex qegħdin

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jitqattgħu mill-qtates.

80.4.1.1 Qalet li qiegħda tipproponi li forsi jitwaħħlu xi granpuni mal-faċċati tal-propjetajiet tagħhom sabiex il-boroż jitpoġġew magħhom.

80.4.1.2 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba r-residenti jridu jagħmluhom, il-Kunsill Lokali ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

80.4.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia qalet li l-istess persuna fl-istess triq ipproponiet li forsi jsir skip għar-residenti.

80.4.2.1 Dwar din il-proposta, is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali ma jistax jaqbel, u jekk iridu jagħmluh ir-residenti, dan iridu jieħdu ħsiebu huma.

80.4.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar il-ġbir tal-iskart u qal li fil-preżent jidher li hemm diffikultà fil-ġbir.

80.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li bħalissa qiegħed ikollna problema kbira mal-kollettur, fejn dan qiegħed iħalli diversi boroż warajh u ma jinġabrux.

80.4.3.2 Qal li llum għadna kif ktibna ittra lil dan il-kollettur biex nagħtuh twissija, u jekk sa xahar ieħor is-servizz mhux ser jitjieb, il-Kunsill Lokali ser ikollu jieħu passi ulterjuri.

## 80.5 <u>RAPPORTI</u>

80.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li għall-*Buffet Breakfast* hemm numru sabiħ ta' persuni li ser jattendu.

80.5.1.1 Qal li hemm private mimlija u qegħdin noqorbu biex nimlew mini-bus.

80.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar ġurnata Għawdex u qal li din ser issir nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018.

80.5.2.1 Qal li żgur ser immorru r-Rabat, Għawdex, kif ukoll inżuru Bethlehem f'Għajnsielem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 80.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

80.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €71,974.03 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/18 u €85.66 skont il-*Petty Cash* Ref V/10.

80.13.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

80.13.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

80.13.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 80.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

80.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fil-5:30pm.

| Chris Falzon | David Schembri |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |